IR-RABA' KTIEB
TAR-RABA' SENA

DIĊEMBRU
1928

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

XFIH DAN IL-GĦADD

Il-Barriera l-qadima (T.Z.) — Min jixtieq id-deni 'l ġaru, jiġih f'daru (L.C.) — Il-Vokali fil-Malti u fl-ilsna Semin l-oħra (P. Serafin M. Zarb O.P.) — Qalbieni (Dun Karm) Il-gideb għomru qasir (T. Z.) — Niċeċ u Statwi (Ġużê Gatt) — Morfoloġija u Sintassi (A. C.) — Frak (Dun K.) Il-Baħar (B.) — Soru (D. K.) — Tqassir għall-kitba Maltija (Alf. Nicholas) — Biblijografija (S.)

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IR-RABA' KTIEB TA' L-1928


## IL-BARRIERA L-QADIMA

Ix-Xatt il-Kbir, taħt il-Barriera t'isfel, hemm dak il-mol wasa' f'tarf ix-xatt, li jitlak minn taħt il-Ġgant. Tista' tinżel għalih ukoll mit-taraġ ta' *niks-manġari*. Il-lum mal-ħajt, taħt is-sur imsejjaħ *ta' Santa Luċija*, imħabba fil-Knisja ta' Santa Luċija li hemm Strada Levante, ma hemmx ħlief imħażen. Fejn jaqta' l-mol hemm bħal maħżen kbir b'bieb sabiħ u fuqu rħama bil-kitba "*Haec fecit populorum amor*", li bil-malti tfiisser "dan sar għall-imħabba tal-poplu."

Qabel tersaq lejn dal-maħżen hemm imwaqqfa fl-art ħafna plieri li l-lum ma jfissru xejn, u li ftit huma dawk li jafu għal fejn kienu jinħtieġu.

Din hi l-Barriera l-Qadima—fejn fi żmien l-Ordni l-bastimenti li kellhom jidħlu l-port l-Kbir kienu jinżammu kurantina mita jkunu ġejja min xi pajjiż bil-pesta jew b'xi mard ieħor.

Il-bastimenti kienu jorbtu quddiem dak il-mol mimli għases sa kemm is-sanità tatihom il-pratka. Il-plieri ta' fuq il-mol kienu mdawwrin bi travi tal-għuda li kienu iqassmu dik ir-roqgħa art f'ħafna mogħdijiet li ma jinfdux ma' xulxin. Hemm kienu jħallu jinżlu dawk in-nies li kellhom jitkellmu ma' xi ħadd l-art, u l-għassiesa jdaħħlu lil dan-nies ġo' mogħdija bejn il-plieri u jħalluhom jitkellmu ma' min iridu bogħod minn xulxin biex ħadd ma imiss ma' ħadd.

Għal xi nies kbar li kienu jaslu mis-safar kien hemm kullma jinħtieġ fil-maħżen li semmejna biex fih joqogħdu sa ma tordna s-sanità.

Għal min ikun ġej minn fejn il-mard sewwa, jew għal min kien ikollu xi mard abbord kien hemm il-Lazzarett tal-Gżira quddiem *ta' Xbiex*.

In-nies ta' fuq il-baħar li ma kinux jistgħu jinżlu, l-Ordni ma riedx iħallihom bla kuddies, għalhekk taħt is-sur, bejn l-imħażen, inbniet Knisja żgħira, li il-lum tħattet.

Dil-Knisja kienet fil-għoli biex cullħadd jista' jaraha minn abbord, u wara li ddoqq qampiena kienet toħroġ il-quddiesa. Hekk mingħajr ma jinżlu minn abbord, in-nies tal-Baħar kienu jaħsbu għal ruħhom bla biża' li jniġġsu lil dawk ta' l-art.

Lazzarett kien isir hekk ukoll. In-nies li kienu kurantina il-Gżira, kienu jisimgħu il-quddiesa li kienet issir il-Belt fil-Kappella ta' Santu Rokku u hekk il-kurantina ma kinitx tinkiser. Dan għadu jsir sal-lum.

Fuq il-kappella tax-xatt, ġiè, fl-1722, imwaħħal dak il-wiċċ ta' Kristu li l-lum tqiegħed fuq il-Knisja ta' San Ġwann; xogħol mill-isbaħ tal-bronż li sar bil-flus tal-Pirjol tal-Ordni Zambeccari fl-1639, li ried li jitwaħħal fuq bini f'xatt il-baħar, biex iġ-ġfien tal-Ordni huma u ħerġin mill-port, isellmu lill-Feddej. Fejn kien sewwa l-ewwel darba dal-wiċċ għad ma nafux. Fl-1722, is-Sultan Perellos waħħlu fuq il-Kappella tal-Barriera għax deherlu li hemm kien aktar xieraq. Minn dak inhar dil-kappella ssemmiet *tas-Salvatur*.

Dan nafuh minn kitba li kien hemm fuk il-kappella.

D. O. M.

VENERABILEM CHRISTI SALVATORIS IMAGINEM
AB ALEXANDRO ZAMBECCARIO ANGLIO PRIOR
ÆRE PROPRIO ELABORATAM,
ET ANNO MDCXXXIX EXPOSITAM,
CUI HIEROSOLYMITANÆ CLASSES
EGREDIENTES VOTA NUNCUPARENT,
EM. M. M. FR. D. RAYMUNDUS PERELLOS
ET ROCAFULL
PROVIDUS, MAGNIFICUS, PIUS,
POPULO, RELIGIONI, SALVATORI
DIGNIOREM IN HUNC LOCUM TRANSFERRI
MANDAVIT,
AUCTIS VOTIS, NON MUTATIS,
ANNO DOMINI MDCCXII.

Li tfisser :—

"Din is-sura, ta' ġieħ kbir, ta' Kristu il-Feddej ġiet magħmula bil-flus tal-Pirjol tal-Inghilterra Alessandro Zam-

beccario u mwaqqfa fl-1639 għalbiex iġ-ġfien tal-Ordni jagħmlu l-wegħdiet tagħhom huma u ħerġin. Is-Sultan Perellos, raġel tajjeb, ħabrieki u qalbieni, ried li dis-sura tiġi mwaqqfa hawn fis-sena tal-Mulej 1722, għall-ġieħ tal-poplu, tal-Ordni u tal-Feddej; hekk ix-xewqa ta' min għamilha ma ġietx mbiddla iżda mwettqa".

Kemm kienu jsiru sewwa l-ħwejjeġ dak iż-żmien?

Il-pesta u l-korla kienu żewġ mardiet li, fl-imgħoddi, ħaqru l-Ewropa għal żmien twil. Malta, gżira żgħira li tgħix mill-baħar, kienet dejjem fil-biża' li jiġi xi mard minn barra, għax tgħallmet fis li jekk tħallih jidħol, il-mard ma issibx tarfu iżjed. Eluf ta' nies ntemmu bil-mard li jittieħed fl-imgħoddi, għalhekk il-Gvern tal-Ordni kien aħrax fil-kurantina, kellu ħafna nies igħassu fil-portijiet u miskin hu min kien ifittex jikser l-ordnijiet tas-sanità. Billi l-artijiet kollha kienu ftit jew wisq imċappsa bil-mard, ftit huma il-bastimenti li kienu jersqu ma' l-art qabel ma jorbtu il-barra għal erbgħin jum. Is-Sanità f'Malta kienet mill-akbar ħsibijiet li kellu l-Ordni għax il-mard kien iġib infiq ta' flus bla qies u ħerba li ma bħalha fil-bliet u fir-rħula.

Il-plieri tal-Barriera jixhdu sal-lum b'liema reqqa kienu jilqgħuh il-mard fi żmien is-Slaten.

T. Z.

# MIN JIXTIEQ ID-DENI 'L ĠARU, JIĠIH F'DARU

Ħadiġa kienet mara armla, fqira, tgħix f'wieħed mir-rħula tal-Belqa, fi bliet il-għarab. Kienet żagħżugħa, sabiħa u fuk ruħha, imma mid-dinja ma kellhiex. Binha, daqxejn ta' tifel ta' tmien snin, kien kollox għaliha. Għalih, biex tista' trabbih kif jixraq, kienet tbakkar u tisħar, taħdem minn għodu sa bil-lejl. Mita xi ħadd kien jaħbat itarrfilha li żgħożitha u ġmielha kienu jistgħu jaqilgħuha mill-għaks li kienet fih, kienet twieġeb li: "il-ġieħ għal min hu fqir kienet ħaġa li ma jaqbillux jitlifha; min hu għani, jekk jitlef ġieħu jibqagħlu mielu; imma jekk jitilfu l-fqir, ebda ħaġa ma jbqagħlu xi jgħożż". Għal dal-kliem, anqas ważir is-sultan tal-Belqa li kien magħruf għal għerfu, ma kien jagħraf iwieġeb, mita hu n-nifsu kemm-il-darba ħabat jinbixha.

Mela, darba waħda, kien għall-ħabta ta' Għid-il-Kbir, u Ħadiġa nefqet it-teftifa flus li kien ilha ġġamma' minn kemm żmien, biex xtrat lil binha "ċiber" ġdid—bħal qmis twila sal-egħkiesi tar-riġlejn, miftuħa minn fuk s'isfel, bi kmiem twal sa fuq l-id, tinqafel b'għallieqa fil-għonq, u tirtabat b'qafla fil-qadd. Ferħet wisq l-omm tara 'l binha liebes l-ewwel libsa ġdida f'għomru, għax qabel kienet dejjem tħitlu xi qmejsa mill-ħwejjeġ li kellha hija qabel ma romlot.

Il-għada tal-Għid, fil-għaxija, Ħadiġa sieħet 'il binha ma' ġenbha u qaltlu: "Ħabib (għax hekk kien ismu), taf li aħna foqra, u biex ngħixu jeħtiġilna naħdmu: xi tgħid kieku int ukoll taqbad taħdem xi ħaġa biex taqla' xi irbigħi? Tarġa', jekk inħallik bla ebda xogħol, nibża' li l-quddiem għad tgemgem minni. Xi tgħid ruħi?". "Amar, j'omm!" wieġeb it-tifel "Jien nisma' minnek; kull ma tgħidli nagħmel?"

Kif sebaħ il-għada, Ħadiġa ħadet ftit żbib mis-senduqa—għax fil-Belqa kullħadd jaħżen iż-żbib—kemxa żerriegħa tal-qronfol, imgħarfa għasel u nitfa koxra tal-ixkomp, b'xogħol li kienet taf tagħmel hi, ħarġet mit-taħlita bħal meraq; fuq dal-meraq żiedet ilma jagħli, ħawditu tajjeb u ħallietu jibred. Meta dan, ħadet ftit fi mgħarfa u dewqitu lit-tifel, li baqa' mgħaġġeb bit-tjieba ta' dak ix-xorb.

Imbagħad, qiegħdet ix-xorb f'żir nadif, u newlitu 'l binha; ġiebet żewġ bwieqi u tathomlu f'idu, waqt li qaltlu:

"Issa mur fit-toroq tar-raħal biex tbiegħ dan ix-xorb. Għandek tgħajjat hekk int u timxi: "Jiena Ħabib, nisqik ilma taż-żbib!" '

It-tifel ħareġ, u l-ewwel ma mar fil-ħâra fejn kienet dar is-sultan. Beda jgħajjat kif kienet għallmitu ommu, u billi kellu leħen sabiħ, kif semegħtu bint is-sultan xirfet fit-tieqa tħares. Billi it-tifel kien sbejjaħ ukoll, u liebes iċ-ċiber il-ġdid, bint is-sultan xtaqet tarah iżjed mill-qrib, u għalhekk bagħtet waħda mill-qaddejja ta' ma' dwarha ġġibu d-dar.

Malli Ħabib daħal fid-dar, bint is-sultan staqsietu x'kien ibiegħ. Kif qalilha, wissiet li jġibulha kies tal-fidda; talbet lit-tifel iferragħlha ftit mix-xorb, daqitu u sabitu tajjeb wisq; tatu biċċa flus deheb u ħabtet se' tibagħtu, meta ħasel għaddej mill-bitħa Is-sultan mal-ważir tiegħu. Is-sultan staqsa lil bintu x'kien jagħmel hemm dak it-tifel, u x'ħin qaltlu, xtieq huwa wkoll iduq dak ix-xorb. Kif xorob is-sultan, ta lit-tifel filsejn deheb oħra, u dan mar lejn id-dar kollu ferħan, u raddhom 'l ommu. Minn dak in-nhar, kull meta Ħabib kien igħaddi minn quddiem dar is-sultan, kienu jsejħulu u jixorbu is-sultan, is-sultana u binthom, u huwa jarġa' għal dar ommu b'kemm-il-biċċa deheb fil-but.

Imma l-ważir—dak li kien ħabat kemm-il darba jinbex l-omm it-tifel, u li kien dejjem f'dar is-sultan u jara kollox—ħaseb bejnu u bejn ruħu, li jekk Ħabib jibqa' jeħu l-flus lil ommu, kull tama li kellu fiha sejra ttir mar-riħ, la darba hija ma tibqa' tiħtieġ flus. Beda għalhekk iħabbel moħħu kif iġibha żewġ billi jneħħi min-nofs lit-tifel.

Darba waħda, mela, kif Ħabib kien ħiereġ minn dar is-sultan, il-ważir ħareġ urajh, għajjatlu u qallu jmur miegħu id-dar. Mar it-tifel, għax baża' mill-ważir; żammu għandu sa fil-għaxija u widdbu biex joqgħod jiekol miegħu dik il-lejla. Il-ważir ta lit-tifel jiekol ikel li kien fih qatigħ tewm misħuq.

"Uh! x'għamilt!" għajjat il-ważir, x'ħin ħelsu mill-ikel, "Insejt li inti tmur kull-jum għand is-sultan! Għada tkun għadha fuqek riħet it-tewm, u s-sultan ma jistax ixommha! Ara kif għandek tagħmel, kif tmur għada għand is-sultan, x'ħin tnewwillu l-kies biex jixrob, dawwar wiċċek in-naħa l-oħra biex ma jxommx riħtek". It-tifel wiegħdu li jisma' kliemu u mar lejn id-dar.

* * *

Il-għada fil-għodu, il-ważir mar għand is-sultan, u wara li sellimlu, qallu: "Ja sultan, taf xejn x'qiegħed igħid fuqek

dak il-mingħul ta' tifel li jiġi għandek kull-jum, u int tatih il-flus? Smajtu jgħid il-bieraħ, fis-suq quddiem in-nies, li daqs kemm fommok, ja sultan, jitlaq riħa tinten, meta huwa jatik tixrob, ikollu jdawwar wiċċu n-naħa l-oħra, biex ma jxommhiex! Ara kif jafhulek il-ġid li tagħmel miegħu!

Is-sultan għadab, imma billi wera ruħu li bħal kieku ma emminx għal kollox, il-ważir żied: "Ara kif għandek tagħmel: x'ħin jiġi l-lum, għidlu jisqik bħal ma dari, u tara kif idawwar wiċċu, hu u jnewwillek il-kies!".

Hekk għamel is-sultan; malli Ħabib stama' jgħanni fit-triq, quddiem id-dar, is-sultan bagħat iġibu. Kif daħal, newwillu l-kies u amarlu jisqih. It-tifel ftakar x'kien wissieh il-ważir, għalhekk, hu u jnewwel il-kies lis-sultan, dawwar wiċċu n-naħa l-oħra. Is-sultan, bla kliem xejn, ħa l-kies, qiegħdu ma' ġenbu, u għajjat lill-qawwas. Malli l-qawwas ġie, qallu s-sultan bil-herra: "Ħu 'il dal-kelb u aqtagħlu rasu!" waqt li wrieh it-tifel, li b'għajnejh imberrqa ma kienx jaf x'qiegħed isir. Il-qawwas qabad 'l Ħabib minn idu u ħadu barra.

Dak il-ħin, is-sultana, billi kienet rat li t-tifel iddawwar wisq għand is-sultan, kienet ġiet tara x'inqala'. Baqgħet imgħaġġba tara t-tifel wieqaf jibki fil-bitħa, u l-qawwas, ftit bgħid, jorbot is-sejf ma' qaddu!

"Għaliex qiegħed tibki?" staqsietu s-sultana. "Għax is-sultan amar li jaqtgħuli rasi", wieġeb huwa. "Għaliex?" reġgħet hija. "Ma nafx!" wieġibha Ħabib.

Is-sultana amrat lill-qawwas jistenna ftit sa kemm hija tmur titkellem mas-sultan. Daħlet, u staqsiet lis-sultan għaliex kien sejjer joqtol naqra ta' tifel, li daqs kemm kien żgħir, ma sata' jagħmel ebda ħtija li tistħoqq il-mewt. Is-sultan qalilha x'kienet il-ħtija, u semmielha wkoll li l-bxara kien ġiebha l-ważir. Billi is-sultana kienet għajnha togħrokha mill-ważir, għax kienet semgħet kemm-il ħaġa fuqu, għaddielha ħsieb minn rasha. Talbet lis-sultan ftit żmien ħalli hija tistħarreġ lit-tifel. Marret għalhekk ħdejh u kaltlu: "Għidli s-sewwa, ħanini: għaliex dawwart wiċċek, dal-għodu, x'ħin tajt jixrob lis-sultan?" "Għax il-bieraħ fil-għaxija tgħaxxejt għand il-ważir, u tani niekol "Kusa" bit-tewm. U billi il-ważir qalli li s-sultan ma jħobbx riħet it-tewm, dawwart wiċċi biex ma jxommhiex", wieġeb iż-żgħir. "Imma kif ġiek f'moħħok iddawwar wiċċek in-naħa l-oħra?" staqsiet is-sultana, billi rat li tifel żgħir għandu qawwi jiġih ħsieb bħal dan. Wieġeb Ħabib: "Il-ważir wissieni nagħmel hekk, u jien smajt minnu". Ġewwa n-nassa l-far!" għajtet is-sul-

tana wâqt li faqqgħet idejha. "Ejja miegħi, ruħi!" qalet lit-tifel, u qabditu minn idu u ħaditu għand is-sultan.

Kif daħlet, ġagħlet lit-tifel igħid lis-sultan il-ġrajja li kien qal lilha. Semagħha s-sultan, u wiċċu sar kemm-il-lewn, kif ħaseb fid-deni li kien se' jagħmel billi jaqta' bla ma jqis. Kif it-tifel siket, għajjat 'il-qawwas, u qallu jurih b'idu lill-ważir li kien idaħħan in-nargila ftit bgħid: "Ħu 'il dak il-ħmar u aqtagħlu rasu, biex ma jkunx bagħat għalik għal-xejn!"

Il-qawwas għamel kif wissa s-sultan, u wara ftit id-deni li kien ħejja il-ważir għal tifel bla ħtija, waqa' fuqu n-nifsu, li kien jistħoqqlu biż-żejjed.

Wara dan, is-sultan żamm ma' dwaru 'l Ħabib, u s-sultana ġiebet 'l ommu toqgħod magħha, u hekk dejjem ħenjin, u jfaħħru 'l Alla li drabi jħallas sa fuq din l-art lil min iħobb is-sewwa.

L. C.

Rafat (Palestina), Settembru, 1928.

# IL-VOKALI FIL-MALTI U FL-ILSNA SEMIN L-OĦRA

Il-qarrejja tal-"Malti" ma humiex mixteqin jaqraw fuq il-vokali, nafuh. Ħafna qabilna tħaddtu fuq din il-ħaġa (1), iżda nittamaw li dawk li jkollhom is-sabar jaqraw din il-kitba tagħna, malajr jintebħu li sa issa ħadd għadu ma ħares lejn il-vokali, u tħaddet minnhom kif sejrin nitħaddtu aħna.

Jekk wieħed iħares ftit lejn il-vokali fil-Malti u fl-ilsna semin l-oħra, ma jistâx ma jiġix milqut x'ħin jarahom hekk mifrudin u l-bogħod minn xulxin. Mill-banda l-oħra jekk iħares lejn il-konsonanti, huwa jara li l-Malti jaqbel ħafna ma' l-ilsna ħutu. Minn fejn hija ġejja din il-għażla u dan it-tibdil fil-vokali?

(1) Ara it-Tagħrif p. 2 u ta' sikwit ma' tul il-ktieb. Il-Malti II (1926), p. 26-30, 37-38.

Qabel xejn huwa meħtieġ li wieħed iżomm għajnejh li l-ilsna semin huma qodma ħafna, li ma' tul iż-żmien xterrdu bil-bosta, infirdu f'ħafna frieghi u tħalltu ġmielhom ma' xi ilsna oħrajn. Aħna tħadditna band'oħra (2), fuq fuq kif xterrdu u nfirdu l-ilsna semin, imma ma għedniex il-għaliex infirdu. L-ilsna ma nfirdux biss imħabba fil-vokali, li anqas biss ma kienu jinkitbu, infirdu imħabba it-taħlit li huma kellhom, riedu u ma ridux, idaħħlu fl-ilsien ewlieni tagħhom. Iżda l-aqwa fost dawn iż-żewġ ħwejjeġ hija bla biża' ta' għilt, l-ewwel waħda. Għalhekk jiena ħsibt li ngħid xi ħaġa fuq il-vokali fil-Malti u fl-ilsna semin l-oħra.

Li l-vokali bi żmien tbiddlu ma hix ħaġa ta' l-ilsna semin biss. Jekk aħna nħarsu lejn il-ġrajja tal-lsien grieg, wieħed mill-eqdem ilsna li għadhom il-lum ħajjin, aħna naraw li fl-eqdem żmenijiet id-djaletti griegi kienu jingħażlu minn xulxin imħabba fil-vokali : id-djalett Joniku kien iħobb il-vokali *e*, iżda id-djalett Doriku kien aktarx jiġbed lejn l-*a*. Id-djalett Attiku ġibed mit-tnejn, iżda aktar minn tal-ewwel milli mill-ieħor. Id-djalett imsejjaħ Kοινη (koinê), li bih ġew miktuba l-kotba mqaddsa tal-Għaqda il-Ġdida, ħareġ minn dan tal-aħħar, iżda tbiegħed minnu mhux ftit fil-vokali kif ukoll f'xi ħwejjeġ oħra. X'ingħidu imbagħad jekk aħna nduru ftit fuq il-latin ? Il-lsien ir-Rumani kien xtered mas-setgħa tagħhom mal-Ewropa kollha u minnha ħarġu l-ilsna msejjħa *neo-latini*, li bihom jinqdew il-lum it-taljani, il-franċiżi, l-ispanjoli eċċ. Jekk aħna nqabblu dawn l-ilsna mal-latin, naraw li huma jaqblu ħafna fil-konsonanti, iżda huma bil-bosta mifrudin minn xulxin għall-vokali.

Ma għandniex għalhekk nistagħġbu jekk aħna naraw din il-ħaġa fl-ilsna semin. L-ilsien huwa ħaġa ħajja li tgħix, tikber, titbiddel, tinfired f'oħrajn u fis tmut ukoll. L-ilsna li għandhom x'jaqsmu ma' xulxin, jingħaqdu bejniethom bħala nisel fejn insibu l-omm u l-ulied. Għalhekk qabel xejn huwa meħtieġ illi aħna naraw kif il-Malti huwa mdeffes fl-ilsna semin, u kif l-ilsna semin huma mnisslin minn xulxin. Kif għidna fuq, aħna tħadditna band'oħra fuq nisel l-ilsna semin, u fuq l-ilsien Malti tħadditna wkoll f'dan il-Qari (3).

(2) Ara il-Qari Malti ta' Port Said, I (1928), p. 65-66. Dan l-artikulu maqlub fl-Ingliż deher fid-*Daily Malta Chronicle* ta' l-10 ta' Novembru 1928.

(3) Ara il-Malti, II (1926), p. 39-46, 125 n. 7.

L-ewwel ilsien semi, li minnu ħarġu l-oħrajn kollha, imsejjaħ *Ursemitisch*, huwa il-lum għal kollox mitluf, u l-ebda tama ma għandna li nerġgħu nsibuh,. il-għaliex warajh ma ħalla ebda fdal bil-miktub. Il-fdal ta' l-ewwel ilsien semi huwa mxerred fl-ilsna semin l-oħra, iżda liema minn dawn l-ilsna għożż l-aħjar dan il-fdal? Fi kliem ieħor ma' liema ilsien għandna nqabblu l-Malti sabiex naraw il-ġrajja ta' ilsienna, liema kienu l-ewwel vokali u kif ħadu il-lum bixla hekk għalihom?

Ir-Rev. Sajdun kien għażel il-Għarbi: "Nagħżel il-Għarbi, kiteb huwa, mhux biss għax il-Malti jiġi minnu, imma ukoll għax, fost l-ilsna kollha xemjin, hu l-inkas li ttiefes fil-għamla" (4).

Tabilħaqq il-Għarbi huwa fost l-ilsna semin dak li l-anqas ittiefes u l-anqas li tniġġes mill-ilsna semin kollha. Il-Għarbi, jiġifieri dawk in-nies li mill-eqdem żminijiet għammru fil-Għarabja, mifrudin kif inhuma mill-bqija tal-bnedmin l-oħra u tturufnati fid-desert, għożżu aktar minn ħuthom l-oħra l-ilsien ewlieni ta' nisilhom. Il-Għarbi huwa fost l-ilsna semin l-aktar għani fil-kliem u fit-tiswir, huwa ukoll l-aktar safi u għalhekk l-aktar sabiħ. Mita wieħed iqabbel mal-Għarbi ilsien semi ieħor, ingħidu aħna l-Lhudi jew is-Sirjak, jintebaħ malajr li dawn l-ilsna ma humiex ħlief fdalijiet ta' xi lsien aktar għani u safi, li maż-żmien ittiefes u tniġġes b'ħafna ilsna ta' nisel barrani u ta' għamla oħra. Għalhekk il-Għarbi huwa miħtieġ sabiex wieħed jitgħallem l-ilsna semin l-oħra sewwa, u nistgħu ngħidu li il-Għarbi huwa għall-ilsna semin dak li is-Sanskritu huwa għal l-ilsna arin. Għalhekk aħna wkoll bħar-Rev. Sajdun sejrin inżommu quddiem għajnejna l-Għarbi, mhux l-għaliex il-Malti huwa ġej mill-Għarbi, kif kien intqal, iżda il-għaliex il-Għarbi huwa fost l-ilsna semin l-aktar ilsien sħiħ u safi. Izda aħna naħsbu li bejn il-Malti u l-*Ursemitisch*, li, kif għedna iss'issa, jinsab aħjar fil-Għarbi milli fl-ilsna semin l-oħra, hemm bogħod wisq, il-Malti ma ħariġx sew sew mill-*Ursemitisch*, bħal ma ħareġ il-Għarbi, l-Assir-Babiloniż, il-Feniċ eċċ., iżda bejn il-Malti u l-*Usermitisch* hemm il-Feniċ u l-Puniku, hemm ukoll xi taħlit tal-Għarbi, u fuq kollox hemm dak it-tniġġis, minn ilsna oħra, li daħal fil-Malti mal-ħakma ta' dawk in-nies li saltnu fuqna, bħal ma huwa l-latin, il-grieg eċċ.; kif għedna band'oħra (5).

(4) Ara il-Malti, II (1926), p. 37.

(5) Ara il-Malti, II (2926), p. 44.

Il-vokali hekk fil-Għarbi, kif ukoll fis-Sanskritu, huma tlieta biss: *a*, *i*, *u*. Il-Għarab aħjar minn cullħadd laqqmuhom sewwa, billi sejħu l-*a* *Fatħa*, il-għaliex ma hix ħaġ'oħra ħlief il-*ftuħ* tal-ħalq; l-*i* sejħulha *Kasra*, l-għaliex biex wieħed igħid *i*, irid jgħawweġ, *jikser* ħalqu; u fl-aħħarnett l-*u* sejħulha *Dhamma*, il-għaliex mita wieħed igħid *u* *idomm* xuftejh. Il-vokali l-oħra ħarġu, minn dawn it-tlieta tal-ewwel: *e* hija jew *a* qasira, jew *ai* magħqudin flimkien; *o* hija jew *u* qasira jew *au* magħqudin flimkien. Minn dawn naraw kif ħarġu l-ħames vokali: *a*, *e*, *i*, *o*, *u*, li jinsabu mhux biss fl-ilsna semin, imma ukoll fl-ilsna arin.

Għandna wkoll nagħżlu l-vokali qsar, mill-vokali twal. Mita aħna ngħidu: *sar* u *sâr*, *niżel* u *nîżel*, *kul* u *kûl*, naraw malajar li l-vokali ma humiex kollha ta' tûl wieħed.

Fl-aħħarnett għandna wkoll inqisu li l-vokali jistgħu jiltaqgħu (6), ma' xulxin, u mita dan jiġri jew jitbiddlu f'oħrajn, ngħidu aħna *au* isiru *o*, jew inkella jibqgħu għalihom imma jinqraw f'daqqa waħda, u hekk isiru *dittong*, bħal mita ngħidu *kien*.

Fl-ilsna semin l-ebda sillaba ma jista' jkollha iżjed minn vokali waħda biss, u l-ebda sillaba ma tista' tibda b'vokali. Dan għadu jidher fil-Għarbi miktub. Għalhekk l-ankas ma' jista' jkun hemm dittongi, iżda billi kif għedna, *e* u *o* ħarġu minn *a* u minn *u* qsar, hekk ukoll minn *a* twila ħareġ id-dittong *ie*, u għalhekk aħna nistgħu l-lum insibu sillabi li fihom dittongi ta' zewġ vokali. Iżda ngħaddu aħjar sabiex naraw kif tbiddlu l-vokali u nfittxu il-għaliex tbiddlu ukoll. Dan ix-xogħol jidhirli li jkun ta' fejda kbira u x'aktarx aktar minn darba jurina kif għandna niktbu xi kliem fil-Malti.

**Patri Serafin M. Zarb, O. P.**

*(Jissokta).*

(6) Il-quddiem naraw aħjar kif il-vokali jistgħu jiltaqgħau ma' xulxin, u ma jidhirlix li dan jiġri fil-Malti biss, għad li fil-Għarbi miktub ma jiġri qatt.

# QALBIENI !

Niżel sa fl-aħħar
  Wiċċu daħkan
  U qabeż barra
  Minn l-ajruplan,

Żagħżugħ fuq ruħu
  Mibni b'saffejn,
  Miktub ġe' ħarstu !
  "Biża' ta' xejn..."

Kien ili siegħa
  Għajnejja fih
  narah jittajjar
  Eħfef mir-riħ,

Jixref minn sħaba,
  Għal oħra jżiġġ,
  Jarġa' jistaħba,
  Biex jarġa' jfiġġ,

Jogħla fuq denbu,
  Jiċkien, jiċkien,
  Sakemm ma jibqa'
  Jidher imkien...

It-tvenvin jieqaf...
  Jaqbdek bħal bard,
  Tistħajlu nieżel
  Jitkisser fl-art.

Iżda fis jarġa'
  Jibda t-twerdin
  U... ġwienħu arahom
  Hemm mifruxin:

Imil qajl, qajla
  Fuq ġenb, idur,
  Ħelu jitwieżen,
  Jaħrab, imur,

Jilwi, jitkabras,
  Jiġri taħt fuq,
  Jirħi, jiġġarraf
  Fl-ajru mitluq..

Siegħa kien ili
  Għajnejja fih,
  Għalkemm beżżagħni,
  Rajtu sabiħ,

Għax jien tgħaxxaqni,
  Qalb kollha nar,
  Egħruq u nervi
  Sħaħ daqs l-azzar...

Sa fl-aħħar niżel
  Wiċċu daħkan
  U barra qabeż
  Minn l-ajruplan,

Zagħżuħ bħal warda
  Mibni b'saffejn,
  Miktub ġe' ħarstu
  "Biża' ta' xejn".

**Dun Karm.**

# IL-GIDEB GĦOMRU QASIR

*Werqa ħabaq għal Dun Karm.*

Wiżu kien rieġa' mill-ħrit għal għaxet in-nhar bil-moħriet fuq kitfejh u l-ħmara għajjiena tofrok quddiem. Kif daħal il-ġewwa mix-xatba, Grezz, martu, feġġet mill-għorfa mbergħna bil-fettieħa tal-benniena f'idha. Infexxet f'bikja u resqet fuq żewġha—"Ħadulna mogħża, Wiż. Għadni kif tajt daqtejn sewwa lil dak il-misħut ta' tifel. Ħareġ b'erba' mogħżiet dal-għodu u daħal bi tlieta. Qal li kienu jirgħu m'hux bogħod minnu u waħda minnhom Alla ma għamilha. Noqtlu jien, l-anqas ma tista' terħilhu erba' bhejjem, tifel daqsiex". Dal-kliem ferragħtu f'daqqa, donnu kien miġbur f'ċurniena, bla nifs ta' xejn, bil-fettieħa tferfer f'wiċċ żewġha u nofsha mdawwra lejn it-tifel, imrekken mal-ħajt tal-għorfa.

—Wiżu kien imdorri għal dawn l-irwiefen tal-mara iżda it-telfa tal-mogħża ħassa minnufih.

—"Jistâx ikun li tbiegħdet u nħbiet wara xi ħajt?" qal Wiżu biex igħid xi ħaġa.

—"M'hux daqs kemm fittixnieha"—qabżet il-mara—"ġrejna il-ħâra kollha u nżilna sa tarf il-wied. Dik ġabruha xi ġirien narra min ħadha jitlef..... hekk jew hekk, aqta' jesek u berred busbiesek, għax ma narawhiex aktar."

Wiżu daħħal il-ħmara fil-girna, telak il-moħriet f'rokna, u biex jara liema naqset, resaq lejn il-mogħoż, imwerwrin daqs it-tifel, u mgezza ras ma' ras wara l-bajtar.

—"Il-ħamra li xtrajna minn għand Sidor", qal.

—"Iva dik, kollha kemm hi",—qalet Grezz—"int għax ma tarax x'ser tagħmel, qiegħed hemm donnok ċepħa. Mur għall-anqas u kellem il-pulizija. M'hux għax sejrin igħaġġlu jfittxuha. Dawk xi carrettun bla fanal jaraw, imma ma tistâx taf. Mur."

Wiżu telaq, aktar biex jeħles mil-lsien il-mara nkella biex iħabbar lill-pulizija bit-telfa tal-mogħza, fl-aħħar sab ruħu l-għassa.

Is-Surġent kien bil-qiegħda wara mejda kbira jikteb.—Dal-waqt miegħek", qallu, bla ma rafa' rasu biex iħares lejh.

—"Għaġla xejn—surġent"—qal Wiżu wara li neħħa il-berritta; skanta jħares lejn il-praspar li kien hemm min-

xura fil-kamra. Quddiemu armarju kbir mimli pistoli, manetti, lanterni, lembubi, imfietaħ, u mal-ħajt slielem tal-ħabel, gumni, fisien, bramel tal-ilma u karti stampati kemm trid. —"Għandhom tarzna sħiħa"—qal bejnu u bejn ruħu—"għodda hawn jekk iridu jsibuhieli l-mogħża". L-anqas intebaħ li s-surġent kien rafa' rasu jħares lejh.

—Xi ġralek, nisimgħu? staqsa s-surġent.

—"Jien ma ġrali xejn" wieġeb Wiżu—"it-tifel tiegħi ħareġ jira' erba' mogħżiet u raġa' d-dar bi tlieta. Qal li serqulu waħda."

—Jaf min ħadhielu?

—Li kont naf kieku mort ġibtha, hi fejn hi.

—Issa xi tridni nagħmillek?

—Għamel li tista'.

—Int għarrex dejjem u jekk ikollok xi ħjiel ejja għidilna. Min ħa l-mogħża m'hux sejjer idur biha fit-toroq u l-anqas ser jiġi jgħid lilna. Imma la ġejt jinħtieġ innizżel ir-rapport tiegħek—Għidli—kif kienet dil-mogħża?

—Gidja sbejħa, għenieqa tal-ewwel — qal Wiżu — għalja fuq saqajha, xaqra lankenija.

—Bil-mod għax irrid nikteb— x'għedt xaqra? din xi tkun ?

—Xaqra—lewna aħmar.

—Mela għid ħamra ħalli nifhmek, ġej bil-brejku.

—Għax aħna hekk ngħidula.

—Rasha żgħira, fartasa u mejxa.

—Trid tfehemni.

—Fartasa, għax bla qrun, għal ġieħ wiċċek, u mejxa għax widnejha daqs nitfa.

—X'iżjed?

—Midliela u bl-imsielet.

—Midliela kif?

—Midliela għax għandha xagħrha twil.

—Dawn irqaqat aħna ma nafuhomx għax il-belt ma għandniex x'naqsmu mal-mogħoż aħna, u hawn m'ilîx—x'iżjed?

—Aħfirli surġent, aħna mrobbija mal-bhejjem u fuqhom biss nitħaddtu.

—Jien m'inix inlumek. Dak li għedtli biż-żejjed, jiġifieri għandek biex tagħrafha sewwa.

—Għandi ngħid! minn dufrejha twal, mill-mirek ta' wiċċha, u mbagħad imxattra u batra.

—Batra, marida?

—Lè, batra għax għandha denbha zgħir kemm jista' ikun.

—Jekk nitilqek tibqa' tgħid sa għada fuq dil-mogħża. Int x'jismek?

—Wizu Żahra.

—Ta' min igħidulek?— Tal-Ġirbi.

—Missierek?—Missieri ma jaf xejn fuq il-mogħża għax mejjet.

—Irrid naf x'kien jismu.—Ġakbu.

—Kemm il-sena għandek?—Żewġ għexieren u tnejn.

—Fejn toqgħod?—Wara il-Knisja, f'tarf is-sqaq taħt in-niċċa.

—Għid Strada Rjali, jekk taf. Tista' tmur.

Wiżu mar qajla qajla d-dar, aktar bil-buli milli kien qabel. Il-miġja sal-għassa ma qawwitlux it-tama li jsib il-gidja. Jekk tilħaq toħroġ mir-raħal roddilha s-salib. Jekk tibqa' moħbija, sa fl-aħħar toħroġ u wieħed jista' jiltaqa' magħħa. Mela ma kien hemmx x'tagħmel. B'dan kollu mur sabbar lill-mara!

Għaddew xi ġimagħtejn, u wara jum qagħad, għax ix-xita, sħaba waħda wara l-oħra, Wiżu għall-ħabta tal-għasar waqaf jitħaddet ma' xbinu fuq ir-riħ tal-wied. Minn wara l-ħajt tal-għalqa ta' qoddiemhom, inqala' Feliċ, wieħed mill-ġirien tiegħu, warajh merħla mogħoż ġmielha. Ried kieku jieqaf, ried jara jaqbadx trîq oħra, imma mogħdija waħda kien hemm u baqa' għaddej bħalli kieku minn moħħu ma kien għadda ebda ħsieb. Wasal qoddiem iż-żewġt irġiel u sellem,

"Ir-risq u l-barka"—qal Wiżu.

Il-mogħoż laħqu quddiem Wiżu li b'daqqa ta' għajn fela l-merħla kollha. Ma l-aħħar qabda lemaħ il-gidja tiegħu. Qabeż bħal għafrid ħdejn Feliċ, urieh b'idu l-mogħża u staqsieh:

—"Dik ix-xaqra ma nafhilekx; mnejn ksibta? mita daħħaltha?

—"Wisq naf", qal Feliċ, "kollha ilhom għandi żmien."

—Mhux kollha! għax dik tiegħi, nagħrafha.

—Ħallini minnek Wiż. Għalkemm ma tridx tgħid li ħadthielek jien.

—"Jien ma ngħid xejn, ingħid biss li dik ħwejġi, ħannurik li qatt ma flejtha sewwa dik il-gidja u li għalhekk għadha ġdida għandek". Resaq fuq il-mogħża u b'idejh għattielha għajnejha.

—Dil-mogħża għawra, Feliċ, għidli minn liema għajn?

Feliċ tħawwad, imma ma weriex, u bid-daħqa f'fommu qal: Kemm ħsibtni nieqes? Mix-xellugija.

—"Ma qtajtx", qal Wiżu.

—Kif m'hix mil-lemenija? Ara sewwa.

—Int xellugija għidt.

—Ma nafx—leminija ridt ngħid, għax jien naf kemm ħabbtitni biex indewwiha.

—Daqs kemm ħabbtitek biex sraqtha—qal Wiżu li neħħa idejh minn wiċċ il-mogħża. "Il-gidja għandha għajnejha aħjar minn tiegħek, għax tiegħek imċefċqa. X'dewwejt ruħek il-ħażina?" Qabad il-mogħża mill-ħabel li kellha f'għonqa u ħariġha mill-merħla.

—Feliċ libet u ħares lejn xbin Wiżu għal xi għajnuna, imma dan, raġel daqs imramma, infexx f'daħka u kal lil Feliċ. "Inqlejt b'żejtek Feliċ, jekk tisma' minni tibqa' sejjer għal xogħlok, għax hekk il-ħaġa tibqa' bejnietna. Jekk tmieri lil Wiżu għandek mnejn issib ruħek f'qiegħ il-wied bla ma taf kif, u siegħa wara tista' tigi marbut u meħud Kordin. Izzi ħajr 'l Alla li sibt nies tajba l-lum"...

Feliċ għaddas rasu lejn l-art u nstama' jgerger: Dawn bċejjeċ! dil-gidja kif ġiet għandi?" Imbagħad xejjer il-ħorġa fuq il-bhejjem u saqhom: "Zha l-hemm, Zha l-barra", u baqa' sejjer bla kliem u bla sliem.

Wiżu ferħan ser itir baqa' bil-gidja f'idu jmellisha il-ħin kollu. Xbinu ħares lejhom u xtaq igħannaqhom, imbagħad qal: "Wiż ħriġt minnha ta' raġel. X'fatta bramtu ħej! Mur obsor li Feliċ kien jasal sa hawn! Ma trid taħlef għal ħadd milli nara. Issa int kliem xejn. Lis-surġent mur għidlu li l-gidja sibtha u la anqas u la aktar. Lill- mara għidilha: Kollox sewwa l-mogħża ġiet. Il-lejla, wara l-ikel, ħallasli nofs għand Marozz. Mur għax dalam".

—Saħħa, xbin, li ma kontx int il-lejla kont nikser għonqi.

T. Z.

# NIĊEĊ U STATWI

IV.

*L-Istatwa tal-Patrijarka San Ġużepp fil-Misraħ tal-Gudja, quddiem dik ta' Marija Assunta.*

Bernard Mallia, bin Ġużê, mill-Gudja, telaq minn Malta u mar lejn il-Portugall meta kien għadu żagħżugħ sewwa. Wara xi żmien li għamel hemm, ġie lura lejn Malta fl-1832 b'ħafna flus miegħu. Meta Bernard ra' li t-tbaħħira li għamel, għamlitu għani, ried li jħalli xi tifkira tiegħu lill-Gudja, art twelidu, għalhekk għamel Statwa lill-Patrijarka San Ġużepp b'turija ta' qima kbira li kellu lejn l-imsemmi qaddis, kif hekk jidher minn dina l-kitba taħt li Statwa: "*Dalla pia Devozione di Bernardo Mallia*".

Dina l-istatwa, li qamet mitt skud, hi xogħol ta' l-Iskultur Xandru Farrugia, miż-Żejtun. Ġiet imqiegħda fejn hi, fis-6 ta' Lulju 1834. Tbierket mil l-ixjeħ qassis li kien hemm fir-Raħal fiż-żmien li semmejna, minn Dun Ġwann Bonnici, mill-Gudja. Dan il-qassis kien ġie maħtur mil l-Isqof ta' Malta, Dun Franġisk Saver Caruana. Dina l-għażla saret, imħabba li l-Kappillan tal-Gudja ta' dik il-ħabta, Dun Salv Fenech, minn Ħal-Balzan, kellu għajnejh juġgħuh u għalhekk ma setâx iberikha hu.

L-Istatwa hi mżejna b'kitba meħuda mis-Sagra Skrittura,

*In-Niċċa tal-Kurċifiss li qiegħda fit-triq li minn Ħaż-Żabbar tati għal Marsaskala.*

Is-snin tal-1840 u tal-1841, kienu snin ta' l-akbar nixfa għal Malta, billi ma għamlet xita xejn. Għal dina l-kbira nixfa, il-Maltin kienet għamlet bosta talb 'l Alla bl-akbar ħniena u b'ħerqa kbira, biex iħenn għal Gżiritna u jibgħat ix-xita.

Fiż-żmien li q'ed insemmu, wieħed mill-Belt, is-sur Manwel Bonavia, kellu bîr, tista' tgħid, f'nofs Ħaż-Żabbar sewwa, u, f'dina n-nixfa li kienet, ta s-setgħa liż-Żabbarin li jistgħu jimlew ilma kemm iridu mill-bîr tiegħu, Fuq hekk, is-sur Ġużê Zammit, minn Bormla, meta ra' l-ħniena tas-sur Bonavia u l-kbir talb li kien q'ed isir għax-xita, bla ebda telf ta' żmien xejn qata' li jfittex l-ilma fil-għalqa *ta' Gorħar.* Iżda, għalbiex Zammit jaqla' l-ħniena minn għand Alla, wiegħed, li kemm-il-darba jiltaqa' ma' xi nixxiegħa ta' ilma tajjeb, minn flusu jagħmel, b'qima, Niċċa ta' Ġesù msallab mal-ħajt ta' barra ta' l-imsemmija għalqa.

Ġużê Zammit imheġġeġ mill-fidi u mħajjar minn ħbiebu u mis-sidjien ta' l-artijiet ta' madwaru, fittex li jtemm il-ħsieb tiegħu. Għalhekk malajr ta bidu għat-tħaffir u t-tfittix ta' l-ilma. Ix-xogħol beda fit-22 ta' Frar 1841, taħt l-imgħallem Ġużê Vella, minn Ħaż-Żabbar, u, fit-2 ta' Ġunju ta' l-istess sena, wasal biex sab il-mixtieq ilma b'nefqa ta' mija u disgħin skud.

L-imsemmi Zammit, meta ra' li kollox irrexxa kif xtaq hu, ta s-setgħa li ma' tul is-sajf, kullħadd jista' jimla mil l-ilma li nsab.

F'Jannar tal-1842, Zammit, flimkien mal-Perit Ġużê Rubert, minn Bormla, marru fil-għalqa *ta' Gorħar*, u l-Perit wara li ħa l-qisien meħtieġa, għamel id-disinn ta' l-imsemmija Niċċa. Id-disinn ġie mgħoddi mill-Isqof fl-14 ta' Frar ta' l-istess sena, u nbeda x-xogħol tan-Niċċa taħt il-ħsieb ta' l-imgħallem Ġużê Cachia.

Fit-23 ta' Frar tqiegħdet l-ewwel ġebla, u fis-7 ta' Marzu li ġie wara tħejjiet minn kollox, b'nefqa ta' 75 skud.

L-Isqof Caruana, b'reskritt tat-22 ta' Marzu 1842, reskritt li jinsab miżmum fl-Arkivju tal-Cnisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar, ta 40 jum indulgenza li jirbaħhom kull min igħid *Kredu* quddiem l-imsemmija Xbieha ta' Gesù Msallab.

*In-Niċċa tal-Lunzjata li qiegħda fit-triq li minn Ħal Tarxien tati għal-Gudja.*

Fost il-Maltin li fi żmien il-Gran Mastru Pintu kienu imorru jinneguzjaw fis-Saltniet ta' Spanja u l-Portugal, biċċa minnhom kienu minn Ħal Tarxien. X'uħud minnhom kienu igħaddu minn Ġenwa biex jixtru xi ħaririjet, u dawn, imbagħad, kienu jbigħuhom bi qligħ kbir.

Darba fost l-oħrajn, l-imsemmija neguzjanti, waqt li kienu fil-Belt ta' Ġenwa, għarfu li, fis-Savoja kien hemm Ordni tal-Kavalieri tal-Lunzjata. Dana l-Ordni, li kien ġie mwaqqaf għall-ħabta ta' l-1409 mid-Duka Amadeo, il-ħsieb tiegħu kien li jilqa' u jdur bl-imsejkna pellegrini u jieħu ħsieb ukoll ta' l-iltima.

Xi wħud mill-imsemmija Maltin, hekk kif reġgħu ġew l-ura lejn Malta, mheġġa b'qima kbira lejn il-Madonna tal-Lunzjata, li hi t-titolar tal-Knisja Parrokkjali tagħhom, fl-1762 qatgħu li jiġbru bejniethom u jibnu Niċċa ftit il-bogħod mill-Misraħ ta' *Bir Bixkilla*, biex b'hekk iqanqlu, iheġġu u jkattru qima aktar lejn il-Madonna tal-Lunzjata.

Din is-sbejħa Niċċa ġiet magħmulha minn l-Iskultur Salvu Muscat, minn Ħal Tarxien; u jissokta iżżejjen is-sbuħija tagħha kitba meħuda mis-Sagra Skrittura.

L-imsemmi skultur Muscat għamel l-iskultura wkoll tal-Veneranda Kappella iddedikata 'l Konċezzjoni ta' Marija Xebba u l-oħra tal-Beata Verġni tar-Ruzarju li jinsabu fil-Parroċċa ta' Ħal Tarxien.

Il-Knisja ta' Ħal Tarxien ġiet mifruda mill-Matriċi ta' *Bir Miftuħ* (il-lum il-Gudja), fid-29 ta' Mejju 1592, mill-Isqof Gargallo.

L-Isqof Rull, b'Reskritt maħruġ minnu fit-13 ta' Awissu 1762, ta' 40 jum indulgenza għal kull min igħid *Ave Marija* quddiem l-imsemmija Niċċa.

Saver Gatt, minn Ħal Tarxien dam jieħu ħsieb tan-Niċċa għal aktar minn 40 sena. Saver miet fis-26 ta Settembru 1850. Il-lum q'ed jieħu ħsiebha Salvu Cassar jaħdem fil-ġigdifogijiet,

Fix-xellug ta' din in-Niċċa, sat-2 ta' Frar 1769, kien għad hemm Salib tal-ġebel biex juri li q'ed jifred is-setgħa tal-Matriċi ta' Santa Katerina taż-Żejtun minn dik ta' Santa Marija ta' *Bir-Miftuħ*; iżda das-Salib ġie mħarbat għal kollox fix-xita kbira u qawwija li kienet għamlet fil-jum li semmejna, xita li baqgħet tissemma sal-lum : *ix-xita tal-Kandlora.*

Xi erba' snin ilu, l-imsemmija Niċċa, ġiet imħarbta u mwaqqa' minn sajjetta, iżda reġgħet ittellgħet u nbniet mill-ġdid xi sentejn ilu.

*L-Istatwa ta' Santu Rokku f'Ħal Għaxaq.*

Hekk kif fl-24 ta' Mejju 1813 ħarġet Notifikazzjoni tal-Gvern, biex tgħarraf li l-marda li kienet tiżreġ fi Gżiritna hija il-pesta, Marju Mizzi, minn Ħal Għaxaq, talab malajr l-għajnuna ta' Santu Roccu, billi dan il-qaddis ħeles mill-pesta bir-radda tas-Salib lil Ruma u lil bosta bliet oħra ta' ma' dwarha. Għalhekk, Mizzi għamel wegħda lil l-imsemmi qaddis, li kemm-il-darba jibqa' meħlus mill-pesta, minn flusu jagħmel Statwa fir-Raħal tiegħu, biex din tissokta tħeġġeġ, tkattar u iżżid il-qima lejn Santu Rokku.

Malli Gżiritna ġiet meħlusha mill-pesta, minn dik il-kiefra marda li qerdet 4,668 ruħ fi ftit xhur, Mizzi ried li jati malajr tmiem għall-wegħda tiegħu, u għal din il-biċċa xogħol għażel lil l-iskultur Xandru Farrugia, miż-Żejtun, u dan, fi ftit xhur, hejjiha minn kollox.

L-Istatwa ta' Santu Rokku, bir-rieda li s-sur D. Emidju dei Marchesi Mallia Tabone ta fit-23 ta' Frar 1814, ġiet imqiegħda, fuq pedistall b'erba' bnadi, mal ħajt ta' barra tal-art imsejħa *tal-Ħarab*, fid-daħla ta' Ħal Għaxaq.

**Ġużè Gatt.**

# MORFOLOĠIJA U SINTASSI

*Tilqît minn hawn u minn hinn.*

1. **Tqallib** jew **taqlib**?

Huma żewġ għamliet ta' ismijiet (*nomi infinitivi*) imnisslin kif jidher waħda minn *qalleb*, l-oħra minn *qaleb*.

Fuq dawn nibnu oħrajn bħal *tgħanniq, tagħniq; tlaqqit, tilqit; tkissir, tiksir; tħaffir, taħfir*. Imma minn *sellem, ħabbel, kemmex*, nagħmlu *tislim, taħbil, tikmix*, għalkemm is-sura ewlenija tagħhom: *selem, ħabel, kemex* ma tingħatax fil-Malti. Minn hekk għandna naħsbu illi s-suriet imnisslin: *għannaq, laqqat, kisser, ħaffer* għandhom ukoll jagħmlu *tagħniq, tilqit, tiksir, taħfir* għalkemm fis-sura mnissla jmisħom imorru mal-verbi *quadrilitteri*: *farfar, ħarbex, kasbar, qarben* li jagħmlu: *tfarfir, tħarbix, tkasbir, tqarbin.*

Imma nbagħad insibu verbi mnisslin bħal: *qassas, kebbeb, raxxax, raqqaq, bexxex, ħaġġeġ, għażżaż* li mita jiġu biex jagħmlu l-ismijiet tagħhom infinitivi ma jimxux ma' sħabhom: *sellem = tislim, ħabbel = taħbil, kemmex = tikmix*, imma joħorġu bis-sura tal-verbi *quadrilitteri* u jagħmlu :— *tqassir, tkebbib, traxxix, traqqiq, tbexxix , tħaġġiġ, tgħażżiż.*

Minn dan kollu għandna niġbdu illi "l-ismijiet *infinitivi* tal-verbi mnisslin tas-sura *qalleb*, għalkemm huma tal-istess għamla tal-*quadrilitteri*, jieħdu s-sura *taqlib* mita ir-raba' konsonanti mhix l-istess konsonanti bħal tat-tielet u t-tieni, eżempju: *Tagħrif* u mhux *tgħarrif*. Jieħdu s-sura *tqallib* mita t-tieni, it-tielet u r-raba' konsonanti huma l-istess. Eżempju : *Qassas, tqassis ; tkebbeb, tkebbib*".

2. Il-qawl **mitqlu deheb** u oħrajn.

L-*m preformativa*, kif dlonk insibuha fil-Grammatki, tinhemeż mal-verbi biex tati l-*partiċipji passati* u l-ismijiet li ifissru l-lok u ż-żmien tal-egħmil mill-verb kif ukoll il-ħaġa (isem il-għodda) tal-egħmil mill-verb, eżempju: *marqad, maħbeż, mitħna, moġra, mixtla, mqass eċċ.*

Imma l-*m preformativa* jeħduha wkoll xi (a) *aġġettivi*, (b) *ismijiet* u xi (c) *partiċella*,

(a) *Aggettivi komparattivi tad-daqs.* Is-sura tagħhom hija dik tal-aġġettivi fil-grad komparattiv bl-ittra *m* mehmuża fil-bidu. Jimxu qabel l-isem li jfisser il-ħaġa li magħha tiddaqqas l-ewwel waħda li fuqha l-verb jitkellem, eżempju: *Jiswa mitqlu deheb; mitqal uqija; mogħla raġel; meħxen subgħajn ; musa' xiber; misbaħ l-indafa ; mirqaq labra.*

N. B. *Mitqlu* għandu l-pronom mehmuz f'tarf il-kelma biex ifisser: *it-toqol* tiegħu *deheb.*

(b) Xi ismijiet jinhemżu mal-*m* u jieħdu l-istess għamla u tifsir tal-participji *passati mimmati* tas-sura *mistgħân, mistrieħ.* Eżempju: *Raġel muswâf*; *raġel muxgħâr*; *għar mudlâm*; *Mejju mirjieħ; barri muqrân.*

*(c).* Il-partiċella *qabel* tinhemeż mal-*m* u ssir *moqbejl.*

### 3. Xi ftit Sintassi fuq l-aggettiv.

(a) L-aġġettiv fil-grad posittiv jew komparattiv jimxi dejjem wara n-nom. Eżempju:— *Xogħol ħafif; laħam dgħif; dar ġdida; subgħajn iqsar; difrejn itwal.*

(b) Wara nom bl-artiklu, l-aġġettiv imur minngħajr artiklu meta bejn in-nom u l-aġġettiv hemm miftiehem verb jew pronom li qiegħed flok verb. Eżempju:— *Id-dar ġdida*=(*hi ġdida*). *Il-ktieb imqatta'*=(*huwa mqatta'*).

Jieħu l-artiklu meta rridu nagħżlu l-għamla ta' bejn ħaġa u oħra. Eżempju:— *Id-dar il-ġdida; il-Qolla s-Safra t'Għawdex; il-Qolla l-Bajda t'Għawdex; il-Ġimgħa l-Kbira; il-Għid il-Kbir.*

(c) Isem wara l-ieħor joqgħod flok aġġettiv. Ikun miftiehem *donnu, donnha* jew *ta'* bejniethom. Eżempju:— *Mara raġel; idejn ħadid; ras kara'.*

(d) Isem wara aġġettiv mogħti lil nom ifisser il-għamla tal-istess aġġettiv imxebbha ma' dik tal-istess isem. Bejn l-aġġettiv u l-isem hemm miftiehma l-kelma *daqs* (*il*). Eżempju:— *Abjad karti; isfar lelluxa; kiesaħ silġ; iswed faħma.*

(e) Is-superlattiv isir bl-aġġettiv fil-grad komparattiv mehmuż mal-artiklu. Is-superlattiv jimxi quddiem in-nom. Eżempju:— *L-ixjieħ mara; l-ogħla raġel; l-aħjar wieħed; l-ikreh fostna.*

(f) Il-komparattiv (bit-tifsir ta' xebħ *bla tarf*) gie li jitfisser bil-partiċella *ma* mehmuża fil-bidu tal-aġġettiv fil-grad komparattiv. L-*m* tiftiehem li qiegħda flok il-partiċella *kemm* jew *bil-bosta.* Eżempju:— *M'akbru u m'isbħu!* = (*kemm hu kbir u sabih!*); *M'akbrek, Mulejja! M'isbaħna għal min jaf jarana!*

Il-qawl: *Ja mgħarraq!* mhux ħaġ'oħra ħlief wieħed minn dawn il-għamliet u għalhekk għandna nsemmgħuh u niktbuh sewwa. *Ja m'għarrek!* jew *m'agħarrek! Agħarrek* huwa komparattiv ta' *Ħażinek* u għalhekk il-qawl li dlonk ngħidu ifisser: *Kemm inti mill-eħżen* jew *mill-agħarr!*

A. C.

# FRAK

(BIEX MA JINTILEFX)

## GĦASEL MALTI

*(fil-Karnival tal-1929.)*

F'l-ewwel bewsa li tatek dalgħodu
ix-xemx tielgħa minn xefaq tan-nar,
ħalli ngħidlek, ja Malta, xi ħsibtek
kollok tfewwaħ bis-sgħatar u ż-ż'har:

Stħajjilt lilek bħal ġarra tan-naħal,
u l-bniet tiegħek ferħ naħal sabiħ
li bla heda fik jaħżen il-għasel,
l-għasel ħelu tat-tjieba w tal-ġiħ.

* * *

## MALTA ĠAWHRA TAL-MEDITERRAN.

Dan il-baħar li jmewweġ ma' dwarek,
mera safi ta' l-isbaħ smewwiet,
dan il-baħar li jgħannqek u jbusek,
dan il-baħar ta' bosta ġrajjiet,

għandu ġawhra sabiħa fost l-isbaħ,
il-ġnus kollha fettxewha fiż-żmien—
Jekk di'l-ġawhra m'hix f'ħobbok moħbija,
Malta ħelwa, di'l-ġawhra m'hi ınkien.

**D. K.**

TAGĦRIFA : Dawn iż-żewġ għanjiet tqassmu u xterrdu mat-triqat tal-Belt nar il-karnival mill-bniet ta' l-iskola ta' Birkirkara, minn fuq żewġ karrijiet, wieħed xbiha ta' *Ferħ Naħal* mehdi jġorr il-għasel fil-ġarra tiegħu, l-iħor xbiha ta' qoxra ta' gajdra jew arzella kbira b'xi ħjel ta' dniefel ma' dwarha, fejn MALTA kienet tidher bħala tfajla f'sikkitha b'ħafna bnejtiet magħha, il-koll liebsin lewn il-ġawhra u mgħammrin b'ħodon ġawhar, u f'idejhom u fuq sidirhom il-lwien tal-bandiera tagħna.

Id-disinni nħadmu mill-pittur Ġanni Vella u minn Mons. D. K. Psaila, u fil-konkors rebħu l-ewwel u t-tieni premju.

# IL-BAĦAR

## ID-DEHRA TAL-BAĦAR

L-ewwel darba li wieħed jara l-baħar fil-kburija tiegħu u joqgħod iħares lejh jintela u jħoss bħal biża' tal-għaġeb, li kwasi wieħed jista' jgħid, li kullħadd fuq l-art iħoss dan il-biża' ; għax sa l-annimali stess, meta jaraw dak il-kobor ta' ilma bla ebda fini, jibdew jitkexkxu. Il-klieb jimbħu għal baħar, iż-żwiemel ma jridux jidħlu fih.

Ġie li nies ħassu moħħom meta sabu ruħhom fejn jew fuq il-baħar. Per eżempiu wieħed Affrikan, għaref u kuraġġjuż, li kien jivvjaġġa ma' Livingstone, baża' tant meta sab ruħu fuq il-vapur li f'daqqa waħda ħass moħħu, u beda jhewden, u nxteħet f'dak l-istess baħar li tant beżżgħu u li fl-istess ħin tant ġibdu lejh ! !

Mill-banda l-oħra, meta l-bniedem jidra minn żgħir igħix fejn il-baħar ma jkunx jista' jħallih kif ġieb u laħaq ; meta jitbiegħed minnu jħoss xi ħaġa li tonqsu ; iħoss li ma hux qiegħed jieħu nifs biż-żejjed ; li ma hux qiegħed jaħseb, u l-ankas jaħdem bħas-soltu, u li ġismu aktar iħossu tqil. Imma malli jarġa' għal fejn il-baħar, anki qabel ma jarah, iħoss li wasal fejnu għax demmu jibda jiġri aktar fil-vini tiegħu u huwa jibda jaħseb aħjar !

Il-ħoss tal-baħar, tal-mewġ kontra l-blat daqqa jimlewk bil-biża' u daqqa oħra jatuk gost. Anki meta l-ajru jkun sabiħ u kalm il-mewġ ikaxkar miegħu eluf ta' ħaġar żgħir u ta' konkilji. Il-ħoss tagħhom u tal-mewġ flimkien jagħmel fuq il-bniedem certu effett li ma tistâx tfissru. Imma jagħmel effett akbar fuq il-bniedem il-ħoss tal-baħar waqt xi tempesta kbira. Effett barrani wieħed iħoss waqt xi burraxka kbira fuq il-baħar, meta jisma' dak it-tnehid u dawk il-ħsejjes kbar tar-rwiefen fejn jew fuq il-baħar. Idejjaq il-qalb dak it-tnehid qawwi tal-mewġ, aktar u aktar meta jitħallat mat-tvenvin tar-rjieħ ; u dan il-ħoss isir aktar ikreh meta r-riħ li jkun għaddej jew minn xi xaqq ta' bieb, jew kontra xi ħajt li ifittex li huwa jwaqqa' jew meta jkun għaddej bejn xi żġieġ miksur jagħmel flimkien mal-ħoss tal-mewġ kunċert li ma bħalu ! ! !

## TAGħMIRA TAL-BAĦAR

Il-baħar huwa mimli b'dud tant żgħir li jekk tieħu qatra waħda baħar u tifliha tajjeb bil-mikroskopju (żġieġa li tkabbar mijiet u eluf ta' drabi) inti ssib li ġewwa dik il-qatra hemm

eluf ta' annimali żgħar—infużorji. Issa l-baħrin igħidulna li minn dan il-baħar li huwa mimli b'dawn l-infużorji huma kull tant bil-vapur idumu għaddejjin żmien twil, ikunu verament għaddejjin m'hux fuq ilma, imma fuq brodu jew ħalib!!

Kull qatra minn dan il-baħar isservi biex tgħajjex annimali oħra, semplici ħafna li ma jagħmlux ħaġ'oħra ħlief jiftħu ħalqhom u jgħalquh; l-ilma, bħala ħalib, jidħol gewwa fihom u isemminhom. L-uniku xogħol tagħhom huwa li jismnu u iwieldu annimali oħra bħalhom. Dan huwa ix-xogħol kollu tagħhom! U dan it-twelid jati wild hekk kbir li l-baħar kien jigi malajr mimli kieku kontra din il kotra ta' wild ma kienx ikun hemm ukoll il-mewt tal-bajd! Nieħdu aringa. Din il-ħuta tati daqs ħmistâx-il elf bajda!! Issa kieku dan il-bajd kollu kien jati ħmistax-il-elf aringa u tarġa' kull aringa tati ħmistax-il-elf bajda!! X'kien jiġri? Hemm tajjeb li l-bajd waqt li jkun ħiereġ mill-ħuta jiġi mekul: dan il-bajd iservi, ħafna minnu, bħala ikel mill-aħjar sewwa nibdew mill-baliena kemm ukoll nispiċċaw fil-ħut l-aktar żgħir!

Il-ħut li jagħmel aktar għal dana l-ikel huwa l-merluzz, jibilgħu minnu mill-aktar li jistgħu u b'hekk huma jingrassaw. Imma b'dana l-ikel kollu ta' dana l-bajd il-biża' li l-baħar jintela' bil-ħut ma tispiċċax, għax jekk l-aringa tbid mal-ħmistâx-il-elf, il-merluzz ibid fuq il-miljun! Kwasi seba' darbiet aktar mill-aringa. U l-merluzz għandu bżonn ta' min jeqirdu aktar mill-aringa. Hemm tajjeb li l-bniedem jati kaċċa qawwija lil din il-ħuta fl-inħawi tal-Irlanda. Imma dana ma hux biżżejjed. Għandna min igħinna! L-*isturgo* kif joħroġ kollu magħlub mix-xmajjar għal baħar ikun pront jati kaċċa lill-merluzz u ħekk jismen, biex flimkien mal-merluzz u ma' ħut ieħor jiġi mekul mill-aqwa wikkiel li għandna gewwa l-baħar, il kelb-il-baħar!!!

B'dana l-ikel kollu jinżamm eqwilibrju kbir fil-baħar, li Alla jħares ma kienx hekk għax kieku l-anqas ħadd ma kien jista' jimxi fil-baħar.

## IL-BAĦAR MAĦŻEN KBIR TAL-IKEL

Imħabba l-biċċa li aħna dejjem nieħdu mill-baħar u l-ikel qatt ma jonqos nistgħu ngħidu li l-baħar huwa dak li jitma' il-bniedem! Aħna naħdmu l-art, imma l-ħaddiema tal-baħar trodd aktar. Nieħdu dak kollu li hemm bżonn biex wieħed isemmen majjal u barri u aħna insibu li biex isemminhom sewwa inti trid titmagħhom ħafna. Għal kuntrarju l-ħut jikber u jismen bi ftit ikel u biex iżżommu fi stat tajjeb ma hemmx bżonn ħlief li tħallih ġewwa l-ilma. Tarġa'għandu tajjeb li l-ħut iżid fir-razza aktar mill-annimali oħra.

Din il-biċċa fehmuha tajjeb mill-eqdem, iċ-Ċiniżi, li billi huma kotra kbira għandhom bżonn tal-ikel aktar minn ġnus oħra. Fir-rebbiegħa, in-naħa tax-xmajjar kbar, fit-truf tagħhom jinbiegħ, bil-ftit il-ftit, kwantità kbira ta' bajd tal-ħut; dana l-bajd jiġi mibjugħ lin-nies m'hux għall-ikel imma biex min jixtri iqiegħdu fi ħwat kbar tal-ilma fejn ifaqqas, jikber, jismen u jservi biex iżomm familji kbar. U dana huma jsibuh li jati lilhom profitt aktar mix-xogħol tal-art u mill-bhejjem.

Fl-artijiet ta' xatt il-baħar in-nies aktarx titstad u tinnegozja fil-ħut u fil-frott tal-baħar. Imma s'issa kull ma jagħmlu huwa mingħajr ebda metodu. Fuq l-art aħna nieħdu ħsieb u niddefendu l-bhejjem tagħna; aħna nġagħlu il-bhejjem tagħna jildu, għax mingħajr id-dmir tagħna il-wild ma kienx isir jew inkella jsir u jati wild ikrah, jew bla saħħa jew wild li malajr jinkered mill-annimali selvaġġi. B'dan il-mod aħna jkollna ċertu jedd fuqhom! Fil-baħar ħafna ħut żgħir, minngħajr il-protezjoni tagħna, minngħajr il-mezzi tagħna biex bihom huma aktar jiżdiedu fil-għadd u fil-kobor kienu jispiċċaw fix-xejn: u din hija waħda mirraġunijiet li aħna għandna l-jedd li ngħixu minn fuqhom!!

In-nazzjonijiet tal-lum għandhom jieħdu ħsieb li ma jagħmlux dik il-kaċċa hekk ħarxa kontra l-ħut li biha ma jdumx ma jeqirdu ċerti razez li huma wisq infittxa għall-bżonnijiet tal-bniedem. Huma għandhom bżonn jieħdu ħsieb biex jiddefendu dawn ir-razez kontra l-egħdewwa tagħhom u li ma jeqirdux il-bajd tagħhom. U hekk huma jsibu f'din il-ħaġa tezori li minnhom ikunu jistgħu jipprofittaw.

## TRIQAT TAL-BAĦAR

Ġnus tal-qedem kienu jagħmlu użu mix-xmajjar biex jieħdu tagħbijiet minn banda għal oħra. Għall-ewwel kienu imexxu fuq żkuk ta' siġar, u wara fuq iċ-ċattri t-tagħbijiet kollha.

Aktar tard tgħallmu jibnu bastimenti u bdew jimxu fuq il-baħar issa bl-imqadef u issa bil-qala', minngħajr ma jitbegħdu wisq mix-xtut tagħhom.

Aktar tard saru kuraġġużi u tgħallmu jbaħħru, bin-nhar jimxu fuq ix-xemx u bil-lejl fuq l-kwiekeb. Imbagħad insabet il-boxxla li kienet ta' għajnuna mill-ewlenin li fuq bastimenti żgħar, bla saħħa kbira, minngħajr ma jafu tajjeb il-geografija u l-anqas il-forma tad-dinja kienu jissograw imorru fil-bogħod. U m'hux darba jew tnejn spiċċaw biex ħallsu qares din il-mawra tagħhom billi għerqu! Huma ma kinux jafu tajjeb ir-rjieħ u l-anqas il-biża' tat-tempesti u tas-sajetti;

kienu jaħsbu li l-allat tagħhom kienu inkorlati għalihom u li kienu qegħdin irażżnuhom b'dan il-mod.

Il-lum wieħed ibaħħar b'inqas biża'. Tassew li hemm tempesti kbar, u hemm ukoll blat fil-baħar perikulus ; imma il-mappi li l-kaptani jimxu fuqhom huma preċiżi ħafna biex igħarrfuhom fejn ikunu jinsabu dak il-ħin u għodda biex ikunu jafu jekk hux ġej maltemp, inkella jekk hemmx xi maltemp viċin ; u għandhom mezzi ukoll biex jikkumbattu l-mewġ billi jxerrdu fuq il-baħar iż-żejt !

Per mezz tal-Markoni jkunu jafu x'qiegħed isir fil-bogħod. Fuq ix-xtut kollha hemm il-fanali li juru lill-baħrin fejn jinsabu u (jekk hemm bżonn) xi lokijiet li għandhom jaħarbu.

Imħabba l-kummerċ u l-posta minn banda għal oħra naraw li huma ħolqu trîqat, li l-vapuri kollha jgħaddu minnhom ; trîqat m'hux maħżużin fuq il-baħar, imma fuq mappi. U dawna t-trîqat ma għandhomx bżonn ta' tiswija bħat-trîqat ta' fuq l-art. Tarġa' dawn it-trîqat ma humiex mimlija bit-trab jew fix-xita bit-tajn ; imma huma dejjem indaf u ituk is-saħħa, pulmuni sħaħ u demm safi. Il-ħajja ta' fuq il-baħar hija ħajja tas-saħħa : u n-nies li jeħduha kontra it-tempesti isiru nies ta' kuraġġ u ta' ebda biża' ! !

## L-ILMA BAĦAR.—IL-MELĦ

Meta nħallu l-ilma baħar għall-arja l-ilma jtir u jibqa' l-melħ.

Il-melħ għandu sehem qawwi fil-ħajja tal-bniedem u l-annimali. Minn floku ma tistâx tqiegħed ħaġ'oħra ! Jiena hawn ma jiniex sejjer nindaħal x'jagħmel il-melħ fil-ġisem, iżda ħalluni nsemmi u ngħid fil-qasir x'jaħsbu l-għorrief fuq din il-biċċa. Skond il-fehma tagħhom il-ġisem tal-bniedem u l-ġisem tal-bhejjem hu magħmul minn ħafna Ċelluli li jservu sewwa għat-taħrik, sewwa għat-tmigħ etc. Biċċa minnhom huma jitħarku, oħrajn ma jitħarku xejn ; dawn iċ-ċelluli kollha kemm huma dejjem jitbiddlu f'certu meraq, u billi iċ-ċelluli kollha kemm huma dejjem jitbillu f'dan il-meraq nistgħu ngħidu li aħna ngħixu fih. Dan il-meraq nafu x'fih u m'niex huwa magħmul. Dan il-meraq ta' *ġewwa fina* huwa l-istess ħaġa qisu ilma baħar Aħna qisna ħafna ħut, li mmutu jekk inneħħu minn ġisimna dan il-meraq !

F'raġel li jiżen ħamsa u sebgħin ratal issiblu bejn wieħed u ieħor ħamsa u għoxrin ratal minn dan il-meraq. Nistgħu inneħħu *kwasi* id-demm kollu ta' kelb ħaj u nitfgħu gewwa il-vini tiegħu ilma baħar. Ma hix l-ewwel darba li nies morda

bl'anemija (nukkas tad-demm) jikkurawhom u jfejquhom billi jitfgħulhom ġewwa l-vini Ilma Baħar safi!

TISLIMA LILL-BAĦAR

Lilek, oh baħar qawwi, lilek saħħa li ma bħalha; lilek li treġi l-art, lilek għajn tal-ħajja; lilek li n-nies għadha ma tafx imma għandha bżonn, lilek hija b'qalbha kollha ssellem.

B.

# SORU

Kullimkien l-egħlieqi tħaddar,
ġewwa l-ġonna jfuħ l-inwar,
tgħaddi fewġa bnina bnina
fuq ix-xgħari, fuq id-djar—

Mina għas-soru kollox mejjet:
Ir-Rebbiegħa tiġi u tmur,
u l-ħitan li ddawret bihom
ma jsebbaħhom l-ebda fjur.

Ħajja, ndifnet ġewwa qabar,
toħroġ minnu bil-mewt biss—
iżda s-Soru, le m'hix mejta,
April iħor lilha jmiss.

D. K.

# TQASSIR GħALL-KITBA MALTIJA

## IT-TIELET TAQSIMA

*Prefissi u Suffissi.*

*Prefissi.*

Bosta kliem jibda bi prefissi, l-iżjed dak il-kliem li daħal fil-Malti minn ilsni latini. Dawn il-prefissi se'r nuruhom b'ittra ta' l-alfabet li għandha tkun maqsuma mill-bqijja tal-kelma b'sinjal wieqaf kif se'r nuru taħt.

Is-sillabi "ikkum", "ikkun", "akkum", "akkun" meta jiġu f'ras-il-kelma tidher għalihom il-vokali "i" maqsuma mill-bqijja tal-kelma b'sinjal wieqaf, eżempju :

| ikkunsidra | ikkonsla | ikkumpatixxa | ikkunferma | ikkuntenta |
|---|---|---|---|---|
| **i/sidra** | **i/sla** | **i/ptxxa** | **i/frma** | **i/tnta.** |

(N. B. Mhux meħtieġ li wieħed għandu japplika dan il-prinċipju *biss* għall-prefissi li se'r nuru hawn, iżda l-prinċipju jista' jiġi użat għal dawk il-prefissi kollha li jkunu jixbħuhom : eżempju fuq urejna il-kelma *ikkonsla* u użajna il-prefiss għal "ikkon". Ħekk ukoll meta kliem ikun jibda bi prefissi bħal, "akkumpanija", "akkonsenta", "ikkontradixxa"—il prefiss jista' jiġi applikat.)

Meta dawn il-prefissi jkunu fil-present jew futur l-*i* għandha titbiddel ma' l-*j*, eżempju :—

| jikkunsidra | jikkonsla | jikkumpatixxi | jikkonkludi |
|---|---|---|---|
| **j/sdra** | **j/sla** | **j/ptxxi** | **j/kludi** |

"Kontra", "kontri", "kuntra", 'kuntri", u prefissi bħal dawn tidher għalihom il-"K" (kbira) : —

| kuntratt | kuntravezjoni | kuntradanza | kuntrarju | kontradizjoni |
|---|---|---|---|---|
| **K/t** | **K/vnz** | **K/dnza** | **K/rj** | **K/dz** |

"Kom", "kon", "kum", "kun", "ekon", tidher għalihom "k" (żgħira)

| komfort | konz | kunfetti | kumbinazjoni | ekonomija | kuntentizza |
|---|---|---|---|---|---|
| **k/frt** | **k/z** | **k/ftti** | **k/bnz** – | **k/mij** | **k/tntza** |

"Deter", "detra", "detri", ecc. tidher għalihom "d" :—

| determinazjoni | detrimentali |
|---|---|
| **d/mnz** – | **d/mnt**— |

"Tel", "tele", "teli", "imtelli", "intelli", u kliem li jibda bi prefissi li jixxiebhu ma' dawn, tidher għalihom bit-"t" :—

| telegraff | telaq | telefôn | intelligenti | imtellaq |
|---|---|---|---|---|
| **t/grf** | **t/q** | **t/fn** | **t/gnti** | **t/lq** |

"Tras", "trans", "tran", "tram", ecc. tidher għalihom it-T (kbira) :—

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| transatlantiku | trasport | tramvaj | trasferut | trankwill |
| **T/tln—** | **T/prt** | **T/và** | **T/frut** | **T/kwl** |

"Irre", "irra", "irri", "irru", "arri", u sillabi bħal dawn tidher għalihom r :—

| | | | |
|---|---|---|---|
| irresponsabili | irregulari | irrident | arralu |
| **r/spn—** | **r/glari** | **r/dnt** | **r/lu** |
| irrid | irritat | irrifjuta | irrimetta |
| **r/d** | **r/tat** | **r/fjta** | **r/mtta** |

"pra", "par", "pre", "per", "pri", "pir", tidher għalihom "p" :—

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| persunali | prusunzjoni | perzût | promozjoni | proprju |
| **p/snali** | **p/snz—** | **p/zut** | **p/mz—** | **p/pju** |
| premeditazjoni | prîġunier | privat | prattika | problema |
| **p/mdtz—** | **p/gnir** | **p/vat** | **p/tka** | **p/blma** |

"Inkom", "inkon", "inkum", "inkun", ecc., tidher għalihom "n" :—

| | | | |
|---|---|---|---|
| in konkluzjoni | inkompetenti | in kommemorazjoni | inkunu |
| **n/kls—** | **n/ptnti** | **n/mmrz—** | **n/u** |

Il-kelma sħiħa "inkûn" tista' tidher għaliha l-n u sinjal : **n/** (inkûn)

"man", "mon", "mani", "moni", "monu", ecc. tidher għalihom l-"m" :—

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| mgħandix | mandat | manuskritt | manifattura | mondjali |
| **m/dix** | **m/dat** | **m/skrt** | **m/ftura** | **m/djli** |
| monument | monitur | monopolju | mantell | monokolu |
| **m/mnt** | **m/tur** | **m/plj** | **m/tl** | **m/klu** |

"nom", "non", "nim", "nin", "num", "nun", tidher għalihom bl-"N" (kbira).

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| nominali | nonfoq | nimbotta | numru | Nunzjo |
| **N/nali** | **N/fq** | **N/bta** | **N/ru** | **N/zj** |

"inter", "intra", "intri", "intro", "intru", ecc. tidher għalhom l-"N" (kbira) mifruda mill-bqija tal-kelma **b'sinjal kuntrarju ta' dak li għandu jinkiteb mal-prefissi l-oħra**, eżempju :

**N | nali** (nominali)..................**N | dz—** (introduzjoni)

| | | | |
|---|---|---|---|
| internazionali | intrata | intriganti | interess |
| **N \| nz—** | **N \| ta** | **N \| gnti** | **N \| s** |

Meta quddiem kelma li tkun tibda bi prefiss ikun hemm artikolu, dan (l-artikolu) jista' jingħaqad ma' l-ittra li għandha tidher għall-prefiss, eżempju :—

| | | | |
|---|---|---|---|
| il kumbinazjoni | il kuntratt | id-determinazjoni | it-telegraff |
| **lk/bnz** | **lk/trt** | **id/mnz—** | **it/grf** |
| it-trasport | il proposta | il kumpanija | in-numru |
| **iT/prt** | **lp/psta** | **lk/pnij** | **iN/ru** |

SENTENZI

Il-kumbinazjoni tat li l-Avukat ta' l-ikkundannat mar
lk/bnz— tatli lavukat ta li/dnat mar
jikkumpanja fil-funeral ta' wieħed mix-xiehda li kienu dehru
j/pnj fl fnral ta w mxida lknu deru
quddiem it-Tribunal kontra l-ħati u lix-xhieda tagħhom serviet
qdim iTrbnal K/ lhati ulxida tm srvit
b'detriment kbir għar-riputazjoni tiegħu. Il-Monument ta'
bd/mnt kb ar/ptz— tu. lm/mnt ta
l-eroj giè magħmul mill-intelligenti skultur li qabel siefer
lrò gmamul ml t/gntı skltur lqblsifer
mat-Transatlantiku bagħat telegramm lill-Kumitat biex
mT/atlntku bat t/grm ll k/tat bix
igħidilhom li hu kunvintissimu li għad jerġgħu jiltaqgħu.
iàdlm lu k/vntmu ladjrgu jltqu.
Il-Membri tal-Kunsill marru jikkunslaw lill-familja tal-mejjet
lmm tl k/sl mru j/slw ll fmlj tl mèet
u ġew introdotti minn wieħed mill-aħwa li tkellem magħhom
ugw N | dtti mn w mlhw ltklm ma
minn qabel bit-telefon. Il-mandat qalu li kien irregulari
mnqbl bt/fn. lm/dat qalu lkn r/glari
u għalhekk mgħandix għax nikkonfondi. Il-prusunzjoni tal-
wlk m/dix ax ni/fndi. lp/snz— tl
priġunier proprju wriet l-inkompetenza tiegħu fuq
p/gnir p/prj urit ln/ptnza tu fq
il-propaganda li għamel għar-rivoluzjoni mondjali
lp/pgnda lamel r/vtz— m/djli
u għalhekk giè trasferût fil Manikomju sabiex il-poplu jibqa'
wlkgi T/frut fl m/kmj sbix lp jbqa
trankwill. Il-promozjoni tiegħu kienet ikkunfermata mill-
T/kwl. lp/mz— tu knet i/frmata ml
Kunsill tal-Ministri li ma kienx kuntraju għad-deċiżjoni tal-
k/sl tlM lmknux k/rj adcsjni tl
Kumitat tal Kuntratti. Il-problema ta l-emigrazjoni
k/tat tl K/ti. lp/blma tlmgrz—
mgħandiex tkûn minsija mument wieħed biss.
m/dix tkn mnsij mmnt w bs.

Meta kelma jinzerta għandha żewġ prefissi, bħal : "ir-rap-presentanti", "pro-konslu", l-ittri li jidhru għalihom skond dan il-metodu jistgħu jingħaqdu u jinġibed is-sinjal wara ta l-aħħar, eżempju :

**rp/tsntni** (ir-rappresentnti) **pk/slu** (pro-konslu)

*(Jissokta)* **Fredu Nicholas.**

# BIBLIJOGRAFIJA

Dun P. P. Grima—*Ġuditta u l-Profeta Jonah*—Salesiani 1928.

Dawn iż-żewġ kotba li ħarġu dan l-aħħar, huma ta' fejda u sbieħ ħafna u li jkomplu jsebbħu l-ġawhra ta' Kotba Mqaddsa bil-Malti li s-sur Fons qiegħed tant jagħraq u jixraq għalihom. Nafu wkoll li s-sur Fons għandu taħt l-istampa xi kotba oħra. Kuraġġ dejjem!

Issa waslilna wkoll il-*Ctieb ta' Ġobb* tas-sur Fons. Ismu biss iħajrek taqrah. Ktieb interessanti u jmissu jaqrah u jixtarru kullħadd.

* * *

G. Vassallo—*L'Ortografia Maltese*—Empire Press 1928.

Is-sur Ġann Vassallo, Membru tal-Kumitat tal-*Għaqda* tagħna, dak li, żmien ilu,ħareġ il-*Muftieħ tal-Chitba Maltija*—ktieb li ħadd ma jaf igħid sewwa x'ġid għamel lil l-Ortografija Maltija—issa ħareġ dan il-ktieb l-ieħor bit-taljan. Jiswa ħafna dan il-ktieb biex dawk li ma tantx jafu bi lsienna, imma li jħossu ruħhom miġbuda lejn il-Malti u jitgħallmu jew jagħmlu l-istudji tagħhom fuqu, isibu xi jgħinhom. Nifirħu bil-qalb lill-ħabib tagħha Ġanni Vassallo ta' dan ix-xogħol u nirrikmandaw lill-Qarrejja tagħna li jakkwistaw wieħed minn għand Scortino tal-kotba.

* * *

P. P. Saydon—*Il-Ġenesi*—Empire Press 1929, pp. XVI—85.

Aħna u qiegħdin nistampaw dan il-Għadd ta' Il-Malti, xi ftit bir-ritard, waslilna l-ewwel Ktieb tal-Kotba Mqaddsa li qiegħed jaqleb bil-Malti ir-Rev. P. P. Saydon. Għoġobna ħafna il-format u t-taqsim tiegħu, għoġbitna l-ortografija li hija tal-"Għaqda" tagħna, iżda għoġobna iżjed it-test li l-awtur, biex ikun eżatt kemm jista' jkun, għen ruħu minn fuq it-test oriġinali. Warajh jiġu kotba l-istess format l-istess gost li, illegat flimkien, ikunu jagħmlu ġieħ cbir lir-Reliġjon u lill-Patrja.

* * *

*Strina tal-Missjoni tal-Patrijiet Cappuccini Maltin.*—Empire Press 1929.

Niżżuħajr lill-Patri Nicola Kappuċċin ta' dan il-ktieb sabiħ bil-Malti li għoġbu jibgħatilna. Stampat pulit ħafna u miktub b'ortografija li, għad li ma hix eżatta għal kollox, tersaq ħafna lejn is-sewwa. Tieħu pjaċir tara min jersaq lejn l-ortografija t-tajba, għax pass il-lum, pass għada fl-aħħar tasal. Sbieħ ukoll l-erba' artikoli li fih:itik li taqrahom f'nifs. Tista' tikseb wieħed minn għand il-Patrijiet Kappuċċini.

S.

# IL-WERREJ

# TAR-RABA' SENA


| | | faċċata |
|---|---|---|
| Il-Belt (Valletta) | T.Z. | 3-33 |
| Kif insabet il-Kitba u l-Alfabet | P. S. M. Zarb O. P. | 6 |
| Il-Għanja tal-Għid | Sajdun | 12 |
| Nofs-inhar Sajfi | Rosario Briffa | 14 |
| Niċeċ u Statwi | Ġużè Gatt | 15-45-112 |
| Minn kien Jusef | G. B. | 17 |
| L-Hinn min-Natura hemm Alla | Dun Karm | 22 |
| Il-flus tal-ħares | T. Z. | 23 |
| Alla ! Alla ! | C. M. B. | 26 |
| Tqassir għall-Kitba Maltija | Fredu Nicholas | 27-59-123 |
| Mistoqsijiet u tweġibiet | A. C. | 32 |
| Il-Vokali tal-Verb Malti | Sajdun | 36 |
| Santa Liena fil-Gżejjer tagħna | G. Dimech De Bono | 40 |
| Għal Professjoni ta' Soru | Dun Pawl | 44 |
| Kelb rieqed la tqajmux | T. Z. | 47 |
| Lil Ommi | C. M. G. | 49 |
| Id-Daħla ġo l-Imdina tal-Gran Mastru Zondadari | Dr. G. Busuttil | 50 |
| Min sab l-ewwel Magna tal-Ħjata | Gejtan Grixti | 55 |
| Il-Madonna taz-Zuntier | B. | 58 |
| Kif bdiet u mxiet il-Għaqda | F. S. Caruana | 62 |
| Kotba tal-Bibbja bil-Malti | S. | 64 |
| Il-Kungress ta' l-Orjentalisti f'Oxford | | 65 |
| Ġnien is-Sultan | T. Z. | 71 |
| Il-Ġnien Botanku f'Malta | P. | 73 |
| Is-Semin u l-Isien tagħhom | P. S. M. Zarb O.P. | 75 |
| Annibale Preca | Alf. M. Galea | 77 |

| | | faċċata |
| --- | --- | --- |
| Ferħa bla temma . . . . . . | T. Z. | 80 |
| L-Imsida u tal-Pietà . . . . | Ġuże Gatt | 83 |
| Għanja Maltija . . . . . | C. M. B. | 85 |
| Il-Mikrobi . . . . . . | Ros. Briffa B.Sc. | 88 |
| Ġenn ! . . . . . . . | Ġuże Bonniċi | 90 |
| Teftif. . . . . . . . | Sajdun | 96 |
| Il-Barriera l-Qadima . . . . . . | T. Z. | 97 |
| Min jixtieq id-deni 'l Ġaru, jiġih f'Daru. . | L. C. | 100 |
| Il-Vokali fil-Malti u fl-Ilsna Semin l-oħra . . . . . | P. S. M. Zarb O.P. | 103 |
| Qalbieni . . . . . . . | Dun Karm | 107 |
| Il-Gideb għomru qasir . . . . . . | T. Z. | 108 |
| Morfoloġija u Sintassi. . . . . . | A. C. | 115 |
| Frak . . . . . . . . | D. K. | 117 |
| Il-Baħar . . . . . . . . | G. B. | 118 |
| Soru . . . . . . . | Dun Karm | 122 |
| Biblijografija . . . . . . | S. | 126 |

---

# TAGħRIF

—Dan il-Għadd, li jmissu ħareġ fl-aħħar ta' Diċembru 1928, minnħabba xi affarijiet privati ta min joħorġu, ħareġ bir-ritard il-lum, l-aħħar ta' Frar 1929. Nittamaw li l-għadd ta' Marzu 1929 ma jdumx.

—Fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat ġie maħtur b'Direttur ta' IL-MALTI, il-President tal-Għaqda il-Mons. Dun Karm Psaila. Nifirħulu.

**The Development of Maltese as a written Language and its affinities with other Semitic Tongues.**

Dan il-ktieb żgħir, li ħarġet il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, fih dak li nqara fuq l-ilsien Malti fis-17-il-Kongress Internazjonali tal-Orjentalisti li sar f'Oxford f'Awissu ta' l-1928.

Jinbiegħ ERBA' SOLDI biss minn għand F. Sciortino, Strada Mercanti, Valletta.

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

---

Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, "Empire Press" — Valletta.

Stampât fl-Empire Press